# Skema ta’ Appoġġ għall-Iscreen
# Is- Sitt Fergħa: Internazzjonali

# Linji Gwida u Regolamenti 2026

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

MAĦRUĠA: MARZU 2026

**ALLOKAZZJONIJIET**

| BAĠIT TAS-SESSJONI | AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| €110,000 | Appoġġ Promozzjonali: EUR 20,000*<br>Parteċipazzjoni f'Festival Internazzjonali: EUR 5,000*<br>Sottomissjonijiet għal Festival Internazzjonali: EUR 2,500<br>*F'każ ta' Festival 'A-List', l-ammonti massimi jistgħu jkunu EUR 40,000 u EUR 10,000 rispettivament |

| KO-FINANZJAMENT | ŻBORŻAMENT |
|---|---|
| Il-fond jista' jkopri sa 100% tal-ispejjeż tal-proġett | 70% mal-iffirmar tal-ftehim tal-għota<br>30% wara l-approvazzjoni tar-rapport finali |

**SKEDI TA' ŻMIEN**

| DATA TA' SKADENZA | RIŻULTATI | SKEDI TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| 18 ta' Novembru 2026 jew meta l-fondi jkunu kollha żborżati | Sa 20 ġurnata mis-sottomissjoni t'applikazzjoni fl-intier tagħha | mill-1 ta' April 2026 sat- 30 ta' Ġunju 2028 |

# 1. Introduzzjoni

L-għan tal-Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen – Is-6 Fergħa: Internazzjonali huwa li jgħin fl-istadju tal-promozzjoni ta’ produzzjonijiet kulturali u kreattivi awdjoviżivi li tlestew sa mhux aktar minn 18-il xahar qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni kompluta jew li jinsabu fi stadju ta’ żvilupp avvanzat. Din il-Fergħa se jkun limitat għal waħda mill-produzzjonijiet segwenti li jilħqu l-kriterji kulturali eliġibbli: animazzjoni, dokumentarji, u finzjoni.

Din il-fergħa jipprovdi appoġġ finanzjarju f’forma ta’ għotja lil professjonisti awdjoviżivi individwali u entitajiet awdjoviżivi indipendenti sabiex:

1. jassisti produtturi li għandhom it-tir li jiddistribwixxu huma produzzjoni kwalifikanti (lesta) u/jew qed ifittxu aġenti tal-bejgħ jew distributuri jew fornituri tas-servizz simili sabiex jiddistribwixxu u jilħqu udjenzi internazzjonali b’film kwalifikanti (lest)
2. jipparteċipaw b’film magħżul (mhux f’kompetizzjoni), film qasir magħżul (jekk f’kompetizzjoni biss), jew f’parteċipazzjoni f’suq (bil-kundizzjoni li l-applikant ġie magħżul)
3. jappoġġja l-ispejjeż relatati ma’ sottomissjonijiet għal festivals ta’ produzzjonijiet kwalifikanti lil festivals rikonoxxuti (irreferi għall-Appendiċi ta’ Sezzjoni 10 għal lista approvata ta’ festivals)

F’każ li l-applikant huwa ko-produttur f’minoranza, l-appoġġ jista’ jkopri biss persentaġġ tal-ispejjeż, ekwivalenti għall-persentaġġ tad-dritt tal-awtur fil-film miżmum mill-applikant (għal appoġġ promozzjonali u sottomissjonijiet għal festivals internazzjonali), u l-ispejjeż sostnuti mill-persuni indikati f’Sezzjoni 3.5 ta’ dawn il-linji gwida u regoalmenti (għall-parteċipazzjoni f’festivals internazzjonali).

L-applikanti huma inkoraġġuti li jagħtu kunsiderazzjoni xierqa, skont il-bżonn, lill-prinċipji spjegati fir-Right to Culture – Resource Pack, partikolarment fir-rigward tal-involviment komunitarju u l-kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet kulturali ta’ kulħadd f’xogħolhom. Dan il-pakkett ta’ riżorsi huwa mmirat li jżid għarfien fir-rigward tal-inklussività, u lejn l-appoġġjar tal-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika ta’ kuljum.

L-applikanti huma mistennija wkoll li jikkunsidraw, skont il-bżonn, il-prinċipji ewlenin elenkati fil-Karta tal-Istatus tal-Artist meta jipproponu l-attivatijiet operazzjonali u programmatiċi tagħhom sabiex jiżguraw kundizzjonjiet ta’ xogħol xierqa u ġusti għall-artisti. Dawn jinkludu d-dritt għal-libertà artistika, aċċessibbiltà mtejba, rikonoxximent ta’ ħiliet formali/informali/mhux formali, kundizzjonijiet soċjoekonomiċi diċenti, non-diskriminazzjoni u ekwità, kunsiderazzjonijiet etiċi, u aderenza ma’ drittijiet ta’ proprjetà intellettwali kif ukoll ma’ liġijiet ta’ impjieg internazzjonali. Il-Karta tal-Istatus tal-Artist tipprovdi qafas ta’ referenza dinamiku għal leġiżlazzjoni, politiki, jew inizjattivi li direttament jew indirettament jimpattaw l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, biex b’hekk tiżgura li kwalunkwe azzjoni hija allinjata mal-viżjoni aħħarija fit-tul, u cioè dik li jiġi elevat l-istatus tal-artisti u ħaddiema kulturali f’Malta f’konformità mal-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

# 2. Definizzjonijiet

Applikant:

- Applikant irid ikun professjonist awdjoviżiv individwali kif definit jew entità awdjoviżiva indipendenti. L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew involuti fil-ġestjoni tal-*Iskema ta' Appoġġ għall-Iscreen – Is-6 Fergħa: Internazzjonali*.

Il-kodiċi ta' NACE tal-applikant iridu jkunu wieħed mis-segwenti:

- o J59.11 Attivitajiet ċinematografiċi, vidjo, u produzzjoni ta' programmi tat-TV;
- o J59.12 Attivitajiet ċinematografiċi, vidjo, u post-produzzjoni ta' programmi tat-TV;
- o J59.13 Attivitajiet ċinematografiċi u ta' distribuzzjoni tal-vidjo.

Applikazzjoni:

- Applikazzjoni hija sottomissjoni, inklużi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formola tal-applikazzjoni, imressqa minn applikant eliġibbli.

Benefiċjarju:

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur tal-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġjata mill-iskema. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul id-durata tal-proġett iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista' jinħareġ biss f'isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT hija maħruġa f'isem il-benfiċjarju u tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju.

Produzzjoni/proġett awdjoviżiv:

- Produzzjoni/proġett awdjoviżiv/a li jista' jkun xogħol ta' finzjoni, dokumentarju, jew animazzjoni.

Katina ta' titlu:

- Kull ftehim/dokumentazzjoni li turi s-sekwenza tat-trasferimenti ta' titlu għal xogħol.

Xogħol awdjoviżiv diffiċli:

- Dan jinkludi xogħlijiet minn diretturi tal-ewwel istanza u dawk tat-tieni istanza, films qosra, dokumentarji, produzzjoni b'baġit żgħir (i.e. it-total tal-baġit ta' produzzjoni ma jeċċedix €1,500,000), xogħlijiet li l-verżjoni oriġinali tagħhom hija l-lingwa Maltija (jew lingwa b'distribuzzjoni territorjali, jew ta' popolazzjoni, jew ta' żona ta' lingwa limitata), jew li inoltre huma xogħlijiet kummerċjalment diffiċli.

Dokumentarju:

- Produzzjoni li tieħu suġġett mill-ħajja reali bħala l-punt ta' tluq tagħha iżda li tirrikjedi kitba oriġinali sostanzjali u li tforni l-punto di vista ta' awtur u/jew direttur minn perspettiva storika u/jew kontemporanja. Id-dokumentarju għandu jikkontjeni ċertu elementi li jgħoddu għal kull żmien u għandu jikkontjeni ammont sinifikanti ta' filmati oriġinali (sakemm mhux dokumentarju bbażat fuq l-arkivji jew animazzjoni, u mhux sempliċiment jirrelata informazzjoni. Dokumentarju b'tul ta' 52 minuta jew aktar se jkun meqjus bħala xogħol feature-length għall-iskopijiet tal-linji gwida.

## Eliġibbiltà:

- Qabelxejn, isir skrinjar tal-applikazzjonijiet fir-rigward tal-eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-ġestituri tal-iskema. Proposti li ma jinstabux eliġibbli ai termini tal-kriterji stabbiliti ma jibqgħux jiġu pproċessati jew evalwati.

## Evalwazzjoni:

- L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f’dawn il-linji gwida.

## Evalwaturi:

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar tim t’evalwazzjoni għal kull sejħa taħt din l-iskema. Il-Kunsill Malti għall-Arti jista’ jaħtar kemm professjonisti lokali u barranin mis-settur tal-film. Il-Kunsill se jiżgura li l-bord ikun bilanċjat u jinkludi kemm professjonisti lokali u/jew barranin b’minimu ta’ ħames snin esperjenza f’din il-fergħa

## Entità Awdjoviżiva Indipendenti:

- Entità Awdjoviżiva Indipendenti hija persuna ġuridika debitament irreġistrata f’Malta, bħala kumpanija b’responsabbiltà limitata, b’sħubija *en commandite*, jew li tistabbilixxi branka jew post ta’ negozju f’Malta taħt Parti XI Kapitlu 1 tal-Att tal-Kumpaniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta’ Malta), u li l-attività prinċipali tagħha tikkonsisti fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta’ xogħol awdjoviżiv. Hija kkunsidrata indipendenti jekk l-oriġini tagħha huma indipendenti mill-istat, jew entitajiet pubbliċi u/jew parastatali, organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliċi u privati, pjattaformi tal-istreaming, jew kumpaniji tat-telefonija. L-istocks u l-ishma tal-entità ma jistgħux ikunu tal-istat, ta’ enitajiet pubbliċi u/jew parastatali, organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliċi jew privati, pjattaformi ta’ streaming, jew kumpaniji tat-telefonija.

## Professjonisti Awdjoviżivi Individwali

- Persuni naturali li japplikaw għal għotja jridu jkunu ċittadini Maltin jew fil-pussess ta’ permess ta’ residenza permanenti Maltija, jew fil-pussess ta’ ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija, jew ta’ passaport Malti.

## Ġestjoni u amministrazzjoni:

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli mill-ġestjoni ta’ din l-iskema. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluż is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, għandha tiġi mibgħutha fuq l-indirizz indikat f’dawn il-linji gwida.

## Dokumentazzjoni mandatorja:

- Kwalunkwe dokument(i) rekwiżiti biex jappoġġjaw il-proposta tiegħek u biex jgħinu fl-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek.

## Finanzjament massimu:

- Hemm allokazzjoni ta’ finanzjament massima għal kull proġett, bl-ogħla limiti jkunu s-segwenti:
    - Appoġġ Promozzjonali: EUR 20,000*
    - Parteċipazzjoni f’Festival Internazzjonali: EUR 5,000*
    - Sottomissjonijiet għal Festival Internazzjonali: EUR 2,500

  *F’każ ta’ ‘A-List Festival’ (irreferi għal sezzjoni 10 ta’ dawn il-linji gwida u regolamenti), l-ammont massimu jista’ jkun EUR 40,000 u EUR 10,000, rispettivament.
  Dan kollu se jiġi deċiż fuq bażi ta’ każ b’każ, skont il-proġett.

## Intrapriża żgħira jew ta' daqs medju

- It-terminju jirreferi għal impriża li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li tiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat.

## Mood board:

- Għodda viżwali li għandha l-għan li tikkomunika kunċetti filmiċi ta' proġett partikolari. Din tkun arranġamenti t'immaġni, materjali, biċċiet ta' kitba, eċċ. maħsuba u ppjanata sew, li għandha l-għan li tinvoka jew tipproġetta stil jew tonalità partikolari.

## Perjodu t'eliġibbiltà ta' spejjeż:

- Il-perjodu t'eliġibbiltà ta' spejjeż huwa stabbilit f'paġna 2 ta' dan id-dokument u se jkun indikat fil-ftehim.

## Produttur:

- Il-persuna responsabbli għas-sejbien u t-tnedija tal-proġett awdjoviżiv. Dan jinkludi li jkun responsabbli għall-aspetti kreattivi, finanzjarji, u maniġerjali tal-produzzjoni tal-film jew tat-TV. Produttur jissorvelja l-elementi kollha ta' qabel il-produzzjoni, ta' matul il-produzzjoni, u ta' wara l-produzzjoni, sal-ħruġ tal-produzzjoni.

## Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi:

- L-entitajiet kulturali pubbliċi li jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti tal-Arti, li huma t-Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta International Contemporary Arts Space, Festivals Malta, u l-Aġenzija Nazzjonali tal-Arti Perfomattiva.

## Proposti Sottomessi mill-Ġdid

- Proġett/proposta li tkun sottomessa tramite sejħa preċedenti tista' tiġi sottomessa mill-ġdid dejjem jekk il-proġett/proposta tkun għaddiet minn tibdiliet sostanzjali jew jekk elementi ġodda kienu żviluppati mill-aħħar sottomissjoni. Mas-sottomissjoni ġdida, l-applikant għandu jippreżenta rapport/dikjarazzjoni li ċarament tindika t-tibdiliet li ġew implimentati.

## Films Qosra:

- Jistgħu jkunu xogħol ta' finzjoni, dokumentarju, jew animazzjoni, ta' tul massimu ta' 69 minuta f'każ ta' finzjoni u ta' 51 minuta f'każ ta' dokumentarju. Films qosra huma kkunsidrati xogħlijiet awdjoviżivi diffiċli.

## Bidu tax-Xogħol:

- Ifisser l-aktar kmieni ta' jew il-bidu tal-perjodu tal-eliġibbiltà tal-ispejjeż jew l-iffirmar ta' ftehim legalment jorbot għall-akkwist ta' kwalunkwe prodotti jew servizzi li jirrelataw mal-proġett, u li jagħmlu l-proġett irriversibbli. Xogħlijiet preparatorji ma jiġux ikkunsidrati bħala l-bidu tax-xogħol.

## Trattament:

- Sommarju dettaljat li normalment iwitti l-istruttura tal-istorja sħiħa u li jikkomunika d-dinja, il-karattri, ix-xeni importanti, is-sekwenzi, u l-punti tal-istorja, u li jservi ta' roadmap għall-qarrej, produttur, u kittieb.

Impriża:

- Impriża hija defenita bħala entità involuta f’attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU (i.e. kwalunkwe attività konsistenti fil-proviżjoni ta’ oġġetti u servizzi għas-suq), irrespettivament mill-istatus legali u l-mod kif din tiġi ffinanzjata. Il-klassifikazzjoni ta’ entità partikolari bħala impriża tiddependi kompletament fuq in-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoniji tar-regoli tal-għajnuna tal-istat ma tiddependix fuq jekk din l-entità hux stabbilita biex tiġġenera l-profitti. Entitajiet li ma jagħmlux profitti jistgħu wkoll joffru oġġetti u servizzi għas-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, entitajiet li ma jagħmlux profitt jaqgħu ’l barra mill-ambitu tal-għajnuna tal-istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni tal-entità bħala impriża hija dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi tiġi meqjusa biss bħala impriża fir-rigward tal-ewwel minn dawn l-attivitajiet.

Impriża f’diffikultà:

- Impriża f’diffikultà tfisser impriża li fir-rispett tagħha waħda miċ-ċirkustanzi segwenti huma attwalment fis-seħħ:
  - F’każ ta’ kumpanija b’responsabbiltà limitata (għajr għal SME li ilha in eżistenza għal inqas minn tliet snin), fejn aktar min-nofs il-kapital f’ishma sottoskritti sparixxew bħala riżultat ta’ telf akkumulat. Dan ikun il-każ meta d-deduzzjoni tat-telf akkumulat mir-riservi (u kwalunkwe elementi li huma ġeneralment ikkunsidrati bħala parti mill-istess fondi tal-kumpanija) jwasslu għal ammont kumulattiv negattiv li jeċċedi aktar min-nofs tal-kapital f’ishma sottoskritti. Għall-iskopijiet ta’ din il-proviżjoni, “kumpanija b’responsabbiltà limitata” tirreferi senjatament għat-tipi ta’ kumpaniji msemmija f’Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Paralment Ewropew u tal-Kunsill, u “kapital f’ishma” jinkludi, fejn relevanti, kwalunkwe ishma premium.
  - F’każ ta’ kumpanija fejn tal-anqas xi wħud mill-membri għandhom responsabbiltà mingħajr limiti għad-dejn tal-kumpanija (għajr għal SME li ilha in eżistenza għal inqas minn tliet snin), fejn aktar min-nofs il-kapital kif muri fil-kontijiet tal-kumpanija jkun sparixxa bħala riżultat ta’ telf akkmulat. Għall-iskopijiet ta’ din il-proviżjoni, “kumpanija fejn tal-anqas xi wħud mill-membri għandhom responsabbiltà mingħajr limiti għad-dejn tal-kumpanija” tirreferi senjatament għat-tipi ta’ kumpaniji msemmija f’Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE.
  - Meta impriża hi soġġetta għal proċeduri ta’ insolvenza kollettiva jew twettaq kriterji taħt il-liġi domestika tagħha sabiex tiġi mqiegħda f’proċeduri ta’ insolvenza kollettiva mat-talba tal-kredituri tagħha.
  - Meta l-impriża tkun irċeviet għajnuna ta’ salvataġġ u għadu ma ġiex rimborżat is-self jew itterminata l-garanzija, u li rċeviet għajnuna ta’ ristrutturar u li hija soġġetta għal pjan ta’ ristrutturar.
  - F’każ t’impriża li mhux SME, fejn, għall-aħħar sentejn:
    - il-proporzjoni ta’ dejn tal-portafoll għall-ekwità tal-impriża huwa ikbar minn 7.5; u
    - il-proporzjoni tal-interess ta’ kopertura tal-impriża kien taħt 1.0.

# 3. Eliġibbiltà

Qabelxejn, il-proġetti jiġu skrinjati f’termini ta’ eliġibbiltà. Proposti ineliġibbli f’termini tal-punti msemmija hawn taħt ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

L-iskeda ta' żmien massimu biex jitwettaq il-proġett: 24 xahar.

## 3.1 Min jista' japplika?

L-għotja hija miftuħa għal impriżi (għal liema assistenza se tingħata f'konformità mar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa), fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU (jekk jogħġbok irreferi għal Sezzjoni 9 ta' dawn il-linji gwida għal informazzjoni addizzjonali).

Applikanti jridu jikkwalifikaw bħala wieħed mis-segwenti:

- Huma intrapriża żgħira jew ta' daqs medju;
- Entitajiet awdjoviżivi indipendenti skont kif definiti f'dawn il-linji gwida;
- Professjonisti awdjoviżivi individwali skont kif definiti f'dawn il-linji gwida.

Barra minn dan, l-applikanti jridu jkunu konformi mal-kriterji kollha segwenti:

- Tal-anqas direttorat wieħed jew maġġoranza tal-ishma tal-entità ġuridika jridu ultimament ikunu fil-pussess ta' cittadini Maltin jew persuni li għandhom status ta' residenza permanenti f'Malta;
- Irreġistrat mal-korp regolatorju fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni;
- Ikollu l-pussess ta' ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT;
- Fejn applikabbli, ikollu drittijiet ta' maġġoranza (sakemm l-applikant mhux ko-produttur b'minoranza) hekk kif jirrelataw għall-proġett li għalih qed tintalab l-għajnuna;
- Jissottometti applikazzjoni kompluta taħt din il-fergħa qabel ma jinbdew ix-xogħlijiet;
- Ikunu fil-pussess tal-katina sħiħa tat-titlu. Id-dokumentazzjoni tal-katina tat-titlu se tkun mitluba meta tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Jekk il-katina tat-titlu ma tkunx kompluta, il-KMA se jkollu d-dritt li jirtira kwalunkwe appoġġ mogħti.

F'każ ta' aktar minn produttur wieħed, l-applikazzjoni trid timtela minn entità waħda. Il-produtturi parteċipanti fil-ko-produzzjoni jridu jaslu għal ftehim f'dan il-punt u jinkludu dikjarazzjoni konġunta li għandha tkun inkluża fl-applikazzjoni.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

- Applikanti se jkunu esklużi milli japplikaw għal appoġġ jekk huma, jew, fejn applikabbli, l-azzjonisti jew persuni li għandhom rappreżentanza jew ta' teħid tad-deċiżjoni:
    i. ġew misjuba ħatja tramite ġudizzju finali tas-segwenti offiżi: parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, korruzzjoni, frodi, ħasil tal-flus, tħaddim tat-tfal, u traffikar tal-bnedmin; jew
    ii. f'sitwazzjoni ta' falliment, likwidità, terminazzjoni tal-attività, insolvenza, jew arranġament mal-kredituri jew f'sitwazzjoni derivata minn proċedura tat-tip tali, jew soġġetti għal proċedura tat-tip tali; jew
    iii. ġew misjuba ħatja tramite ġudizzju finali ta' mġieba ħażina jew kwalunkwe offiża relatata ma' integrità professjonali;
- Applikanti li l-profil tagħhom mhux ivverifikat għaliex mhux komplut għar-raġunijiet segwenti relatati ma' dokumentazzjoni mandatorja:

- o kopja tal-karta tal-identità Maltija tagħhom (minn wara u minn quddiem); permess ta’ residenza Maltija; jew kopja ta’ ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija; jew passaport Malti.

- Applikanti li ma jikkwalifikawx taħt id-definizzjoni t’applikant għal din il-faxa partikolari;
- Benefiċjarji li m’onorawx impenji ta’ finanzjament preċedenti;
- Benefiċjarji li ma ressqux jew li ma kkonkludewx saż-żmien stipulat minn tal-inqas rapport finali wieħed b’rabta ma’ għotja passata u ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti;
- Entitajiet li ma ppreżentawx id-dokumentazzjoni annwali rekwiżita lir-Reġistru tan-Negozju ta’ Malta;
- Organizzazzjonijiet/attivitajiet li jirċievu fondi lokali pubbliċi tramite line-votes stabbiliti governattivi.

## 3.3 Liema spejjeż jistgħu jiġu kopruti?[1]

L-Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen – Is-6 Fergħa: Internazzjonali tista’ tkopri sa 100% mill-ispejjeż eliġibbli massimi indikati hawn taħt:

- sa €20,000 fil-każ ta’ Appoġġ Promozzjonali. Dan jista’ jiżdied għal massimu ta’ €40,000 f’każ ta’ Festival ‘A-List’;

- sa €5,000 f’każ ta’ Parteċipazzjoni f’Festival Internazzjonali. Din tista’ tiżdied għal massimu ta’ €10,000 f’każ ta’ Festival ‘A-List’; u

- sa €2,500 f’każ ta’ Sottomissjonjiet għal Festival Internazzjonali.

L-ispejjeż diretti eliġibbli għal Apoġġ Promozzjonali u għar-reklamar, PR, u komunikazzjoni tal-produzzjoni magħżula se jkunu limitati għas-segwenti spejjeż speċifiċi direttament marbuta ma’:

- Miżati t’akkreditazzjoni, kiri ta’ kmamar għall-iscreening u tagħmir fi swieq u festivals internazzjonalment rikonoxxuti li jattiraw il-midja, il-pubbliku ġenerali, u x-xerrejja (ara Sezzjoni 10 ta’ dawn il-linji gwida u regolamenti għal lista eżawrenti);
- Rating ta’ ċensura;
- Ħolqien u produzzjoni ta’ materjal ta’ reklamar, inkluż id-disinjar u stampar (eż: kartelluni, riklami, u website);
- Spejjeż ta’ DCP dispatch/tracking
- Dubbing f’kwalunkwe lingwa Ewropea oħra;
- Ingaġġ ta’ eżekuttiv tal-kummerċjalizzazzjoni/kumpanija b’esperjenza idonea fit-twettiq ta’ tali dmirijiet;
- Professjonist jew kumpanija tal-bejgħ tal-films;
- Ospitalità b’rispett ta’ attivitajiet ta’ screening, b’limitu ffissat ta’ €1,000 (fil-każ ta’ Festival ‘A-List’ il-limitu fiss jista’ jiżdied għal €20,000);
- Traduzzjoni mil-lingwa oriġinali għal kwalunkwe lingwa Ewropea oħra;
- Reklamar fuq il-midja (TV, midja, radju, stampat, online)
- Mobbiltà – limitat għal produttur wieħed u d-direttur:
    - o Akkomodazzjoni ekonomika;

[1] L-ispejjeż kollha se jiġu kkunsidrati jekk dawn l-ispejjeż mhux diġà kopruti/ma jistgħux jiġu kopruti mill-applikanti jew l-organizzazzjonijiet t’appoġġ/imsieħba.

- Assigurazzjoni;
- Vjaġġar (klassi ekonomika), inkluż, iżda mhux limitata għal, trasport pubbliku, vjaġġar bl-ajru, u kiri ta’ karozza/vettura;
- VISA ta’ vjaġġar.

- Valur miżjud (VAT) li ma jkunx rekuperabbli, fejn applikabbli;
- Sottotitoli;
- Virtual Print Fee (VPF)

L-ispejjeż eliġibbli diretti marbuta mal-Parteċipazzjoni f’Festival Internazzjonali huma limitati għas-segwenti:

- Miżati ta’ parteċipazzjoni għall-festival (jew avveniment);
- Mobbiltà – għal produttur u Kittieb/Direttur wieħed;
  - Akkomodazzjoni ekonomika;
  - Assigurazzjoni;
  - Vjaġġar (klassi ekonomika), inkluż, iżda mhux limitata għal, trasport pubbliku, vjaġġar bl-ajru, u kiri ta’ karozza/vettura;
  - VISA ta’ vjaġġar.

L-ispejjeż eliġibbli diretti marbuta mas-Sottomissjonijiet għal Festival Internazzjonali huma limitati għas-segwenti:

- Miżati ta’ sottomissjoni għal festival (jew avveniment);
- Professjonist jew kumpanija involuti fil-bejgħ ta’ films;
- Mobbiltà – għal produttur u Kittieb/Direttur wieħed;
  - Akkomodazzjoni ekonomika;
  - Assigurazzjoni;
  - Vjaġġar (klassi ekonomika), inkluż, iżda mhux limitata għal, trasport pubbliku, vjaġġar bl-ajru, u kiri ta’ karozza/vettura;
  - VISA ta’ vjaġġar.

Għall-finijiet tal-kakulazzjoni tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli, il-figuri użati se jkunu mittieħda minn qabel kwalunkwe deduzzjoni ta’ taxxa jew miżata oħra. L-ispejjeż eliġibbli se jkunu appoġġjati minn evidenza dokumentarja li trid tkun ċara, speċifika, u kontemporanja.

Għal aktar informazzjoni fuq kif għandek tippreżenta l-baġit tiegħek, jekk jogħġbok irreferi għal-Linji Gwida tal-Baġit Ġenerali, disponibbli hawnhekk.

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu kopruti?

- Spejjeż diġà kopruti minn organizzazzjonijiet pubbliċi kulturali jew kwalunkwe programm ta’ finanzjament pubblika mmaniġġjat jew ko-maniġġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti jew xi aġenzija pubblika, dipartiment jew ministeru tal-gvern ieħor
- Spejjeż iddikjarati mill-benefiċjarju u kopruti minn għotja oħra tal-Gvern ta’ Malta jew l-Unjoni Ewropea: Appoġġ finanzjarju mogħti taħt din l-iskema jista’ jiġi mogħti lil hinn minn appoġġ finanzjarju mogħti minn awtoritajiet t’għotja oħra (taħt skemi t’appoġġ multipli), dejjem jekk dan mhux espliċitament eskluż mil-linji gwida u regolamenti tal-awtoritajiet tal-għotja l-oħra u

dejjem jekk it-tali appoġġ kumulattiv ma jeċċedix l-ispejjeż attwalment imġarrba u l-limiti tal-intensità tal-għajnuna, skont kif applikabbli;

- Spejjeż imġarrbin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni;
- Spejjeż imġarrbin qabel il-bidu tax-xogħlijiet;
- Spejjeż imġarrbin mill-ko-produttur li mhux se jkun ko-benefiċjarju ta' ftehim f'każ ta' selezzjoni;
- Spejjeż li mhux direttament relatati mal-proġett;
- Miżati ta' dejn u ta' servizzjar ta' dejn;
- Djun dubjużi;
- Spejjeż eċċessivi u bla rażan;
- Telf ta' skambju;
- Miżati għal servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi jew aġenzija pubblika, jew dipartiment jew ministeru tal-gvern;
- Spejjeż fuq fjuwil;
- Kontribuzzjonijiet in natura;
- Miżati u kontinġenzi indiretti ta' produtturi;
- Interess dovut;
- Proviżjonijiet għal telf u djun;
- Xiri ta' tagħmir ta' kwalunkwe tip;
- Xiri ta' art u proprjetà immobbli;
- VAT irkuprabbli, fejn applikabbli;
- Spejjeż retroattivi;
- Rendiment fuq il-kapital;
- Miżati ta' servizzi relatati ma' kirjiet, ftehimiet ta' kiri bil-possibbiltà ta' xiri, deprezzament, miżati fuq self, interessi tad-debiti, miżati għal tranżazzjonijitet finanzjarji, kummissjonijiet u telf ta' skambju barrani, multi, penali finanzjarji u spejjeż ta' litigazzjoni, djun ħżiena, u spejjeż oħra purament finanzjarji.

L-ispejjeż kollha eliġibbli taħt din l-iskema jridu jkunu neċessarji u raġjonevoli għall-promozzjoni tal-proġett awdjoviżiv u konsistenti mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja u prattiċi ta' kontabbiltà sensibbli.

## 3.5 Liema applikazzjonijiet huma eliġibbli għall-appoġġ?

Il-proġetti jridu jissodisfaw tal-anqas TNEJN minn dawn il-kriterji segwenti:

- Produttur/i huwa ċittadin Malti jew fil-pussess ta' ta' residenza permanenti f'Malta;
- Kittieb/a huwa ċittadin Malti jew fil-pussess ta' status ta' residenza permanenti f'Malta;
- Direttur/i huwa ċittadin Malti jew fil-pussess ta' status ta' residenza permanenti f'Malta.

Appoġġ għal internazzjonalizzazzjoni għal proġetti ta' finzjoni, animazzjoni, u dokumentarji segwenti huma eliġibbli:

- Produzzjonjiet feature-length intenzjonati għal teatri, festivals, TV, VOD;
- Serje tat-TV (episodju pilota, serje ġdida, serje mitkompla);
- Verżjoni ta' 52 minuta tul f'każ ta' dokumentarju kreattiv;
- Film qasir intenzjonat għall-festivals, TV, VOD (mhux applikabbli f'każ ta' Appoġġ Promozzjonali).

Barra minn hekk, appoġġ se jingħata biss lil proġetti awdjoviżivi li huma prodotti kulturali.

Proġetti se jiġu meqjusa bħala prodotti kulturali jekk:

- jagħtu kontribut lill-kultura Maltija u/jew Ewropea;
- jagħtu kontribut għall-iżvilupp tal-industrija tal-film u t-TV f'Malta u/jew l-Ewropa; jew
- ikunu kkunsidrati bħala kulturali abbażi tal-kontenut tagħhom.

L-evalwaturi se jivverifikaw dan t'hawn fuq f'konformità mal-parametri t'eliġibbiltà kif stabbiliti mill-KMA għal kull wieħed minn dawk il-kriterji kulturali t'hawn fuq. Proġetti ddikjarati mhux kulturali mhux se jingħataw kwalunkwe forma t'għajnuna. Agħfas hawn sabiex tniżżel it-Test Kulturali; l-applikanti huma mitluba biex jimlewh u jtellgħuh fil-parti appożita meta jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom tramite s-CRM tal-KMA.

## 3.6 Liema applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli għall-appoġġ?

- Attivitajiet li mhux relatati mal-kultura, l-arti, u l-industriji kreattivi;
- Attivitajiet li għandhom l-għan ta' ġbir ta' fondi jew propoganda politika;
- Films jew infomerċjali ta' reklamar, korporattivi, ta' taħriġ, jew promozzjonali;
- Applikazzjonijiet sottomessi wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data tal-iskadenza;
- Applikazzjonijiet sottomessi minn applikanti li mhumiex kontribwenti f'Malta;
- Applikazzjonijiet sottomessi minn entitajiet pubbliċi b'line vote jew mingħajr;
- Applikazzjonikjiet li ma jikkwalifikawx taħt id-definizzjoni ta' produzzjoni awdjoviżiva għal din il-fergħa speċifika;
- Applikazzjonijiet li ma jikkwalifikawx taħt id-definizzjoni ta' xogħol awdjoviżiv diffiċli għal din il-fergħa;
- Applikazzjonijiet mhux kompluti (irreferi għal-lista tal-kontroll f'sezzjoni 5.1);
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, Annual Cultural Activities Scheme, VOPS, Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Valletta Cultural Agency, or Malta Arts Scholarships;
- Proġetti li jinkludu u/jew jippromwovu propoganda politika;
- Proġetti li l-ispejjeż tagħhom jaqgħu totalment 'il barra mill-iskadenza ta' żmien eliġibbli;
- Proġetti li jippromwovu vjolenza, razziżmu, u kontenut pornografiku, u kontenut li jikser il-Kostituzzjoni Maltija;
- Proġetti li se jkunu lesti qabel ir-riżultat jiġi nnotifikati lill-applikant(i);
- Reality shows, programmi ta' magazines jew ta' stil ta' ħajja, programmi kulturali, programmi ta' diskussjoni, kwizzijiet u game shows, artikli forma ta' reklami, u light entertainment;
- Proposta sottomessa mill-ġdid li ma tinkludix tibdiliet konsiderevoli jew elementi ġodda meta kkumparat mas-sottomissjoni preċedenti jew li ma tinkludix rapport/dikjarazzjoni ċara li tindika t-tibdiliet li ġew implimentati.

Kwalunkwe attività oħra li taqa' barra mill-ambitu tal-Iskema ta' Appoġġ għall-Iscreen – Is-6 Fergħa: Internazzjonali mhix eliġibbli għall-appoġġ.

L-applikanti jistgħu jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda taħt l-istess is-sejħa. Madankollu, applikazzjoni waħda biss mill-applikazzjonijiet sottomessi tista' tiġi ffinanzjata għal kull faergħa.

# 4. Evalwazzjoni

Il-Bord t’Evalwazzjoni se jibbaża d-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-kriterji segwenti:

## 4.1 L-1 Kriterju: Kunċett (50 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità, is-saħħa, u l-oriġinalità tal-film/xogħol, u l-potenzjal sabiex dan jasal għand udjenzi internazzjonali. Il-punti segwenti se jiġu evalwati:

- Film/xogħol li jesebixxi oriġinalità (tema, perspettiva, approċċ viżwali – Kunċett u trattament f’każ ta’ Parteċipazzjoni f’Festival Internazzjonali) (Din għandha tinkludi wkoll evidenza ta’ kif il-proposta tikkunsidra l-prinċipji tar-Right to Culture – Resource Kit u l-Karta tal-Istatus tal-Artist, hekk kif indikat fl-1 Sezzjoni); (15-il marka)
- Viżjoni u stil; (10 marki)
- Proposta b’saħħitha b’potenzjal li tilħaq udjenzi internazzjonali; (10 marki)
- Il-kwalità tal-avveniment(i). (10 marki)
- Il-pjanijiet lil hinn mill-implimentazzjoni ta’ din il-proposta. (5 marki)

## 4.2 It-2 Kriterju: Ġestjoni tal-Proġett (15-il marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-livell t’impenn u preparazzjoni qabel il-proposta kif ukoll il-pjan propost sabiex jitwettqu u jinkisbu l-għanijiet indikati. Il-punti segwenti se jiġu evalwati:

- L-esperjenza relevanti tal-applikant (inkluż fuq livell internazzjonali) [F’każ ta’ Parteċipazzjoni f’Festivals Internazzjonali, il-bord t’evalwazzjoni se jikkunsidra wkoll il-kwalità tax-xogħol/xogħlijiet preċedenti tat-tim kreattiv, kif ukoll il-potenzjal sabiex iwettaq u jimmaniġġja l-proġett propost]. (10 marks)
- Ir-reputazzjoni finanzjarja u legali tat-tim kreattiv. (5 marki)

## 4.3 It-3 Kriterju: Involviment tal-Udjenza u Potenzjal taċ-Ċirkulazzjoni (25 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-involviment u l-iżvilupp ta’ udjenzi stabbiliti u ġodda. Involviment jirriferi għall-irwol, in-natura tal-involviment, u l-esperjenza offruta lill-udjenza.

Potenzjal taċ-ċirkulazzjoni tirreferi għal potenzjal għal parteċipazzjoni f’festivals (u rikonoxximent) u distribuzzjoni internazzjonali, kif ukoll il-potenzjal biex jiġi stimulat interess minn aġenti tal-bejgħ, distributuri, u/jew xandara/pjattaformi.

Għall-iskop ta’ din il-fergħa, l-espożizzjoni internazzjonali hija mistennija li tkun marbuta maċ-ċirkolazzjoni konkreta, il-bejgħ, jew l-involviment professjonali fis-suq. Il-parteċipazzjoni f’festivals jew l-attendenza internazzjonali se tiġi vvalutata b’mod pożittiv biss fejn tkun appoġġjata minn strateġija ċara biex tinvolvi ruħha ma’ distributuri, aġenti tal-beigħ, xandara, pjattaformi, jew professjonisti oħra tal-industrija. Intenzjoni u strateġija murija biex tisfrutta l-espożizzjoni internazzjonali permezz tal-bejgħ, id-distribuzzjoni, jew l-involviment professjonali fis-suq, lil hinn mill-parteċipazzjoni simbolika jew ta’ viżibilità biss f’festivals.

Il-punti segwenti se jiġu evalwati:

- Iddefinixxi udjenzi fil-mira tal-proġett u spjega kif dawn l-udjenzi se jintlaħqu. Ipprovdi taqsira tal-pjan ta' reklamar, PR, u komunikazzjoni skont kif meqjus relevanti għall-programm/i t'attivitajiet propost. (10 marki)
- Potenzjal ta' screening, festivals, u swieq; il-livell ta' distribuzzjoni f'territorji differenti. Ipprovdi ittra/i t'interess minn distributuri u partijiet relevanti oħra fl-industrija. (15-il marka)

## 4.4 Ir-4 Kriterju: Baġit u Pjan ta' Finanzjament (10 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità u l-vijabbiltà (standard tal-industrija) tal-baġit u l-pjan ta' finanzjament (fejn applikabbli). Il-punti segwenti se jiġu evalwati:

- Ipprovdi breakdown ċar tal-baġit, inkluż l-ispejjeż direttament relatati mal-promozzjoni tal-produzzjoni. (10 marki)
- Ipprovdi pjan ta' finanzjament (kwalità ġenerali u l-vijabbiltà tal-istrateġija ta' finanzjament; il-livell ta' finanzjament ikkonfermat – hekk kif muri permezz ta' ftehimiet iffirmati u/jew ittri t'intenzjoni).

# 5. Sottomissjoni tal-applikazzjoni

Segwi dawn il-passi biex tapplika:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Ara jekk il-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn dan il-Fond.
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online
4. Jekk ma għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq 'Irreġistra Issa' u imla d-dettalji.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-fergħa li trid tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn.
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti jeħtieġu jirreġistraw profil fuq is-CRM tal-KMA minn tal-inqas gimagħtejn qabel id-data ta' skadenza tas-sejħa.

Kemm-il darba jkollok xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formola ta' applikazzjoni kompluta kif spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha, l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata.

Il-formoli tal-applikazzjoni tiegħek mhux ser jiġu ċċekkjati minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti qabel id-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni. Il-Kunsill Malti għall-Arti għandu d-diskrezzjoni esklussiva li jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa wara d-data tal-iskadenza tas-sejħa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett, id-deskrizzjoni qasira tal-proġett, u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa, inklużi d-dokumenti li jsostnu l-proposta.

L-applikazzjonijiet illi jaslu wara 12.00 (nofsinhar) tad-data tal-iskadenza rispettiva ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Il-Lista ta' Kontroll

Sabiex ikunu kompluti, l-applikzzjonijiet iridu jkunu akkumpanjati minn:

- Katina sħiħa tat-titlu;
- Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT Malti;
- Iċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Standard Tajjeb l-aktar riċenti. Dan id-dokument jiġi mġedded kull sena mir-Reġistru tan-Negozji ta' Malta u huwa prova ta' konformità (f'każ t'entità);
- Kopja tal-karta tal-identità Maltija, permess tar-residenza Malti, ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija, jew passaport Malti tal-applikant (jew tal-azzjonist maġġoritarju jew tad-direttur);
- Noti bijografiċi tal-kontributuri ewlenin tal-proġett;
- Pjan ta' ħidma flimkien ma' strateġija ta' reklamar/pubbliċità, is-swieq/festivals internazzjonali li l-applikant għandu l-intenzjoni li jipparteċipa fihom, inkluż id-dati, miżati, u termini ta' skadenza, kif ukoll links għall-websites uffiċjali (f'każ ta' Appoġġ Promozzjonali);
- Ittra t'aċċettazzjoni mill-organizzatur tal-avvenimenti (f'każ ta' Parteċipazzjoni f'Festivals Internazzjonali);
- Strateġija tal-festival, inkluż lista ta' festivals li l-applikant għandu l-ħsieb li japplika għalihom, inkluż id-dati tal-festivals, miżati, termini tal-iskadenza, u link uffiċjali tal-website (f'każ ta' Sottomissjonijiet għal Festival Internazzjonali);
- Dikjarazzjoni li l-applikant ma jikkwalifikax bħala impriża f'diffikultà skont kif definit f'dawn il-linji gwida;
- Fajl awdjo jew awdjoviżiv li ma jaqbiżx il-5 minuti li fih l-applikant jipprovdi deskrizzjoni qasira, raġuni u/jew motivazzjoni għas-sottomissjoni tal-proposta;
- Pakkett tal-Proġett Kreattiv:
    1. Logline
    2. Taqsira
    3. Kopja tal-film (link miftuħa valida għal perjodu minimu ta' 30 ġurnata mit-tressiq ta' aplikazzjoni kompluta)
    4. Trailer (fakultattiv)
    5. Trattament – massimu t'10 paġni (fakultattiv u biss f'każ ta' parteċipazzjoni f'suq tramite Parteċipazzjoni f'Festivals Internazzjonali);
- Baġit (top sheet b'taqsira dettaljata li ċarament tindika l-ammont nett u l-ammont tal-VAT;
- Pjan ta' finanzjament (jekk il-baġit jeċċedi l-finanzjament massimu);

- Applikazzjonijiet b'ftehim ta' ko-produzzjoni fis-seħħ se jiġu kkunsidrati biss jekk l-applikant jista' jipprovdi l-ftehim tali ffirmat jew il-ftehim-memorandum. Il-ftehim jew ftehim-memorandum irid jinkludi klawżoli standard tal-industrija, inkluż, fost oħrajn, klawżoli li jirregolaw l-iskambju ta' drittijiet u l-input kreattiv ta' kull produttur.

Dokumentazzjoni fakultattivia (jekk disponibbli):

- Kopja ta' dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tad-Dħul li juri li l-applikant huwa kontribwenti f'Malta;
- Ittra t'intenzjoni, ftehim-memorandum, jew ftehimiet minn imsieħba ta' finanzjament jew xerrejja;
- Ftehim(iet) ta' ko-żvilupp u/jew ko-produzzjoni, ftehim-memorandum, jew ittra/i t'interess;
- Xogħlijiet preċedenti;
- Stqarrija tal-produttur; deskrizzjoni qasira tal-karattri; storyboard; mood board.

N.B. Dokumenti li jirrikjedu numru minimu jew massimu ta' paġni għandhom jinkitbu bil-font Times New Roman ta' daqs 12.

Files sa 5MB jistgħu jiġu mehmużin direttament mal-formola tal-applikazzjoni; files ikbar jistgħu jiġu pprovduti permezz ta' link li ma tiskadix u li ma tirrikjedix verifikzzjoni tal-identità.

# 6. Proċess t'evalwazzjoni

L-iskema hija ġestita fuq bażi ta' first come, first served, u mhux kompetittivia, u se tkun evalwata minn panel ta' esperti settorjali skont il-kriterji stabbiliti.

Kif indikat hawn fuq, kull kriterju se jiġi allokat numru ta' marki speċifiċi. Sabiex ikunu kkunsidrati għal finanzjament, il-proġetti jridu jiksbu medja ta' tal-anqas 60 marka.

Madankollu, is-sessjoni tal-evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiddependu fuq il-kwalità tal-proposti mressqa u d-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk, kisba ta' 60 marka jew aktar ma jfissirx li l-proposta tal-proġett tiegħek se tiġi appoġġjata awtomatikament. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi kollha disponibbli għal sejħa partikolari jekk il-proġetti proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ skont it-termini tal-kriterji tal-fond.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta' evalwazzjoni magħżul mill-Kunsill abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom fl-industrija tal-fims. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jagħżel l-evalwaturi abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni għal kull proġett eliġibbli propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti mogħtija.

## 6.1 Il-komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f'paġna 2, għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti. Flimkien mal-ittra ta' akkumpanjament, se nehmżu wkoll kopja tal-formola tal-evalwazzjoni li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni, skont il-kriterji tal-fond.

L-ordni tal-klassifika tal-proġetti, skont il-marki allokati mill-evalwaturi, tiġi ppubblikata online. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet u s-sommarji tal-proġetti magħżula; fil-każ ta’ proġetti li ma jingħatawx il-fondi, jiġi ppubblikat biss in-numru ta’ referenza tagħhom.

Jekk ikollok xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek tista’ tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati. Kwalunkwe forma ta’ solleċitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-Eżekuttiv Anzjan tal-Fond, il-Ġestitur tal-Fond, u l-Evalwaturi se titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-dejta għall-proġetti li jiksbu l-fondi jiġu inklużi fil-ftehim tal-għotja.

# 7. Implimentazzjoni tal-proġett u moniteraġġ

Il-Kunsill se jaċċetta varjazzjoni mill-baġit propost. Il-kontinġenza indikata fil-pjan baġitarju se tappoġġja kwalunkwe varjazzjonjiet mill-baġit totali propost. Il-Kunsill, taħt l-ebda ċirkostanza, mhu se jkun f’pożizzjoni li jżid l-għotja mogħtija.

Kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-fond se jiġi ffirmat. L-għotja tista’ tingħata bissa wara t-tlestija tal-proċess indikat hawn fuq fl-iżmien stabbilit.

70% tal-ammont totali allokat mill-Bord tal-Evalwazzjoni se jkun ipproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. Il-pagament finali ta’ 30% jiġi pproċessat wara s-sottomissjoni tar-rapport finali mill-benefiċjarju, wara approvazzjoni mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Il-benefiċjarji jridu jużaw il-logo tal-Kunsill Malti għall-Arti fuq kwalunkwe materjal relatat u jispeċifikaw li l-proġett kien appoġġjat mill-għotja hekk kif ġej: **Appoġġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti**, f’kwalunkwe reklamar, PR, u materjal stampat. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jingħata wkoll ħajr fuq l-iscreen. L-għotja rċevuta trid tkun użata biss għall-iskopijiet li tkun ingħatat, f’konformità mal-proposta sottomessa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji jridu jinnotifikaw lill-Kunsill Malti għall-Arti immedjatament jekk bidliet li jaffettwaw in-natura tal-proġett iseħħu matul l-implimentazzjoni. Bidliet ma jistgħux jiġu implimentati fl-assenza ta’ approvazzjoni. Hija r-responsabbiltà tal-benefiċjarju li jiġġustifika tali tibdiliet, u tali tibdiliet mhumiex se jiġu miżmuma jekk dawn huma normalment aċċettati fl-industrija internazzjonali tal-film. Il-kunċett ewlieni u l-intenzjoni kreattiva tal-proġett iridu jibqgħu konsistenti matul il-perjodu ffinanzjat.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva d-dritt li jirrevedi jew li jżomm l-aħħar pagament jekk it-tibdil fil-proġett ma jiġix meqjus f’konformità mal-proposta inizjali, jew jekk il-Kunsill ma jkunx infurmat bit-tibdiliet fi żmien raġjonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jagħmlu lilhom infushom disponibbli għal komunikazzjoni ma’ rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti għal skopijiet ta’ moniteraġġ, sija waqt l-implimentazzjoni tal-proġett u sija wara t-tlestija tiegħu.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva d-dritt ukoll li jirrevedi l-pagament finali jekk l-ispiża totali tkun inqas minn dik iddikjarata fil-ftehim iffirmat.

## 7.1 Rapport

Fl-għeluq tal-proġett, se tintalab tressaq rapport dettaljat li jenfasizza x-xogħol imwettaq u l-kisbiet tal-proġett, sa mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mill-konklużjoni tal-proġett. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdi mudell komuni għar-rapport tiegħek.

Jekk relevanti, flimkien ma' dan ir-rapport, il-benefiċjarji jridu jissottomettu kopji ta' kwalunkwe ritratti u vidjows b'riżoluzzjoni għolja, reklamar relevanti, u materjal ta' pubbliċità żviluppat jew informazzjoni għall-proġett iffinanzjat.

- F'każ t'appoġġ promozzjonali r-rapport irid jinkludi:
    1. Lista t'avvenimenti li l-parteċipanti pparteċipaw fihom u l-kisbiet tal-proġett (massimu ta' 3 paġni);
    2. EPK finali;
    3. Materjal ta' pubbliċità u reklamar (inkluż evidenza tal-espożizzjoni għall-midja miksuba).
- F'każ ta' parteċipazzjoni f'festivals internazzjonali, ir-rapport għandu jinkludi taqsira tal-eżiti wara l-parteċipazzjoni fil-festival jew xi avveniment ieħor, u, jekk applikabbli, il-kisbiet tal-proġett/film.
- F'każ ta' sottomissjoni għal festival internazzjonali, ir-rapport irid jinkludi lista ta' festivals li għalihom l-applikant ikun applika flimkien m'indikazzjoni jekk il-film ġiex aċċettat jew irriġettat.

Se tintalab tippreżenta tqassim finali, dettaljat u ċċertifikat tad-dħul u l-infiq. It-tqassim tad-dħul u l-infiq għandu jitħejja f'konformità mal-istandards finanzjarji applikabbli u allinjati ma' dawn il-linji gwida u regolamenti, u għandu jiġi ċċertifikat minn *accountant* jew awditur bil-warrant.

Fil-każijiet kollha, il-benefiċjarji jridu juru li l-appoġġ internazzjonali ntuża biex jippromwovi, jiċċirkola jew jisfrutta kummerċjalment il-proġett b'mod attiv. Il-parteċipazzjoni f'festivals jew avvenimenti mingħajr sforzi dimostrabbli biex wieħed jinvolvi ruħu fil-bejgħ, id-distribuzzjoni, jew attività professjonali tas-suq tista' titqies insuffiċjenti biex jintlaħqu l-objettivi ta' din il-Fergħa.Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva d-dritt li jagħmel użu minn materjal sottomess għall-proġett.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jitlob lill-benefiċjarju sabiex jissottometti l-fatturi tal-VAT u/jew l-irċevuti fiskali sabiex jappoġġja l-baġit ċertifikat dettaljat.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva d-dritt li jirkupra kwalunkwe fondi f'każ li dawn mhumiex qed jiġu użati u/jew mhux qed jiġu użati kif suppost u/jew mhux użati skont il-baġit sottomess.

# 8. Proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta' lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b'mod kunfidenzjali.

## 8.1 Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern;
- il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dan il-linji gwida u regolamenti;

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġett tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta' lment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista' jkun. L-ilment għandu jispeċifika l-bażi u r-raġunijiet għall-ilment, jagħti spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b'dokumentazzjoni jew b'xhieda relevanti dwar għaliex l-ilmentatur jidhirlu li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f'dawn il-linji gwida u regolamenti jew f'regoli u regolamenti ta' governanza tajba standard li jirregolaw lis-settur pubbliku. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tibqa' finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Fondi, il-Kunsill Malti għall-Arti, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill Malti għall-Arti jifforma bord li jiddiskuti l-ilment tiegħek f'aktar dettall. Jekk tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord tkun finali.

# 9. Applikabbiltà tar-regoli fuq għajnuna tal-istat

Din l-iskema hi applikabbli għal:

- Entitajiet Awdjoviżivi Indipendenti skont kif definiti f'dawn il-linji gwida.
- Professjonisti Awdjoviżivi Individwali skont kif definiti f'dawn il-linji gwida.

Għall-iskopijiet tar-regoli fuq l-għajnuna tal-istat, tali applikanti jiġu meqjusa li qed iwettqu attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU. It-termini u kundizzjonijiet imfissra f'dawn il-linji gwida jiġu implimentati f'konformità mar-*Regolament tal-Kummussjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat*, kif emendat mir-*Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1084 tal-14 ta' Ġunju 2017 li jemenda Regolament (UE) Nru 651/2014 rigwardanti għajnuna għall-infrastruttura tal-portijiet u ajruporti, il-livelli limiti għan-notifika għall-għajnuna għall-konservazzjoni tal-kultura u tal-wirt u għall-għajnuna għall-infrastruttura għall-isport u infrastruttura rikreattiva multifunzjonali, u skemi ta' għajnuna operattiva reġjonali għar-reġjuni l-aktar imbiegħda u li temenda Regolament (UE) Nru 702/2014 rigwardanti l-kalkulazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli*, mir-*Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/972 tat-2 ta' Lulju 2020 li jemenda Regolament (UE) Nru 1407/2013 rigwardanti l-prolongazzjoni tagħha u li jemenda Regolament (UE) Nru 651/2025 rigwardanti l-*

*prolongazzjoni u l-aġġustamenti relevanti, mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1237 tat-23 ta’ Lulju 2021 li jemenda Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikkjara ċerti kategoriji t’għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat,* mir-*Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1315 tat-23 ta’ Ġunju 2023 li jemenda Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikkjara ċertu kategoriji t’għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat u r-Regolament (UE) 2022/2473 li jiddikkjara ċertu kategoriji ta’ għajnuna għal impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar, u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti tas-sajd u akkwalkultura kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat*, u kif jista’ sussegwentament jiġi emendat (minn hawn ’il quddiem riferut bħala r-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa).

Din l-iskema mhix applikabbli għas-segwenti:

a. Attivitajiet mniżżla f’Artikli 1 (2), (3), (4), u (5) tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (fejn applikabbli);
b. Impriżi f’diffikultà huma per prinċipju esklużi mill-ambitu ta’ din l-iskema, sakemm l-impriża ma kinitx f’diffikultà fil-31 ta’ Diċembru 2019 iżda saret impriża f’diffikultà fil-perjodu ta’ bejn l-1 ta’ Jannar 2020 u l-31 ta’ Diċembru 2021.

Barra minn hekk, assistenza mhux se tingħata jekk l-għajnuna hija:

a. Relatata m’attivitajiet t’esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew stati membri, senjatament għajnuna direttament marbuta mal-kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u l-operat ta’ netwerk ta’ distribuzzjoni, u ma’ spejjeż attwali marbuta ma’ attività t’esportazzjoni.
b. Kontiġenti fuq l-użu ta’ oġġetti domestiċi b’preferenza għal oġġetti impurtati.
c. A favur benefiċjarju li hu soġġett għal ordni pendenti t’irkupru wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tkun iddikkjarat għajnuna mogħtija minn Malta bħala illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Għall-iskopijiet tal-kalkulazzjoni tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli, il-figuri kollha użati se jittieħdu qabel kwalunkwe deduzzjoni ta’ taxxa jew xi miżata oħra. L-ispejjeż eliġibbli se jiġu appoġġjati minn evidenza dokumentarja li se tkun ċara, speċifika, u kontemporanja.

Għajnuna pagabbli fil-futur, inkluża għajnuna pagabbli f’diversi pagamenti, għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata. L-ispejjeż eliġibbli għandhom jiġu skontati għall-valur tagħhom fil-mument li tingħata l-għajnuna. Ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża għal skopijiet ta’ skont għandha tkun ir-rata ta’ skont applikabbli fil-mument li tingħata l-għajnuna.

Regoli fuq il-kumulazzjoni tal-għajnuna se jkunu f’konformità ma’ Artiklu 8 tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

# 10. Appendiċi

## Festivals Internazzjonali

Festivals A-List akkreditati mill-FIAPF “Competitive Feature Film Festivals”

- Berlin International Film Festival (Berlinale) – Berlin, Germany (February)
- Cannes Film Festival – Cannes, France (May)
- Shanghai International Film Festival – Shanghai, China (June)
- Karlovy Vary International Film Festival – Karlovy Vary, Czech Republic (July)
- Locarno Film Festival – Locarno, Switzerland (August)
- Venice Film Festival – Venice, Italy (September)
- San Sebastián International Film Festival – San Sebastián, Spain (September)
- Warsaw Film Festival – Warsaw, Poland (October)
- Tokyo International Film Festival – Tokyo, Japan (October)
- Tallinn Black Nights Film Festival – Tallinn, Estonia (November)
- Mar del Plata International Film Festival – Mar del Plata, Argentina (November)
- Cairo International Film Festival – Cairo, Egypt (November)
- International Film Festival of India (Goa) – Goa, India (November)
- Fajr International Film Festival – Tehran, Iran (February)

Festivals Mhux A-List

- All Academy Awards Qualifying Festivals
- All festivals supported by Creative Europe
- All European Film Festival Qualifying Festivals (EFA)
- Academy Awards
- AFI International Film Festival
- Antalya IFF
- Busan International Film Festival
- Edinburgh International Film Festival
- European Film Awards
- FEST – New Directors/New Films Festival
- Golden Globe Awards
- International Film Festival Rotterdam
- Istanbul IFF
- Krakow Film Festival
- London BFI Film Festival
- Les Arcs European Film Festival
- Moscow International Film Festival – Moscow, RussiaRaindance Film Festival
- Rome IFF
- Sarajevo Film Festival
- Sundance Film Festival
- South by Southwest
- Torino IFF
- Toronto International Film Festival
- Thessaloniki International Film Festival

- Tribeca Film Festival
- World FF (Montreal)

## Televiżjoni

- Berlin International TV Series Festival
- Cannes International Series Festival
- Sarajevo Film Festival SeriesFest
- Series Mania

## Dokumentarju Kreattiv

- Academy Awards
- AFI International Film Festival
- Beldocs
- Berlin International Film Festival
- Biografilm
- Busan International Film Festival
- CPHDOX
- DocAviv
- DocsBarcelona
- DocLisboa
- DOK Leipzig
- Dokfest Munich
- European Film Awards
- Edinburgh International Film Festival
- Festival dei Popoli
- FID Marseille
- IDFA
- Jihlava
- Karlovy Vary International Film Festival
- MakeDox
- One World
- Raindance Film Festival
- San Sebastian Film Festival
- Sarajevo Film Festival
- Sundance Film Festival
- Sunny Side of the Doc
- Berlin
- Sheffield DocFest
- Tribeca Film Festival
- Toronto Hot Docs
- Thessaloniki Documentary Film Festival
- Venice International Film Festival
- Zagreb Docs

Film Qasir

- Academy Awards
- Academy Awards Qualifying Festivals
- Berlin International Film Festival
- Cannes Film Festival
- Clermont-Ferrand Short Film Festival
- European Film Awards
- European Film Festival Qualifying Festivals

# Teħtieġ parir?

Il-KMA joffri servizzi ta’ konsulenza qabel is-sottomissjoni sabiex jgħinek takkwista l-appoġġ għall-proġett tiegħek. Aħna hawn għalik f’kull pass tal-proċess. Aħna nistgħu ngħinunk tiddetermina jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek humiex f’konformità mal-mekkaniżmu t’appoġġ fil-mira, u nipprovdulek rispons fuq il-mod li qed tippjana li tippreżenta l-proġett tiegħek. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba’ ġimgħat qabel id-data tal-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b’hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Tista’ ċċemplilna fuq 2334 7320, matul il-ġimgħa, bejn id-09:00 u l-16:00, jew tibgħatilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

**Dokument aġġornat fit-02 ta’ Marzu 2026**